**15 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Onorevoli Avukat Anton Buttigieg

*versus*

Anthony Montanaro

**Libell — Responsabbiltà — "Fair Comment" — Verità tal-fatti — Art. 28(1) u 31 tal-Kap. 117.**

*Meta l-kliem stampat jirrifletti fuq kull wieħed mill-membri ta' assoċjazzjoni jew klassi ta' nies, kull wieħed minnhom jista' jagħixxi ġudizjarjament.*

*F'materja ta' reati ta stampa, sabiex wieħed jiġi eżonerat mir-responsabbiltà ta' dak illi jiġi riportat f'ġurnal għandu jipprova illi huwa qal il-fatti kif kienu sewwa, imbagħad ikalli l-qarrej jiġġudika. Jekk xi ċirkostanza fondamentali tiġi taċ-ċjuta l-qarrej ma jistax jifforma konċett ġust tal-fatti.*

*Il-"fair comment" huwa bażat fuq il-veraċità tal-fatti, u ma hemmx aktar loku meta l-fatti jiġu esposti b'mod frammentarju u b'mod illi jagħtu lil wieħed x'jaħseb l-oppost ta' dak*

*illi fil-fatt realment kien u ġara.*

*F'materja ta' libell il-kwerelat huwa preżunt illi aġixxa xjentement jekk huwa ma jippruvax il-kuntrarju; u sabiex jiġi ritenut illi l-kwerelat aġixxa xjentement huwa biżżejjed illi huwa seta' jagħmel u ma għamilx l-indaġini meħtieġa biex jasal għall-verità.*

*Jekk il-kwerelant jindika insinwazzjoni partikolari jista' dejjem jirnexxi fil-kwerela tiegħu, anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem.*

*Sabiex wieħed jara jekk artikolu partikolari hux libelluż jew le għandu jikkunsidra kif jifhmu bniedem raġunevoli, ta' intelliġenza normali u illi jkollu konoxxenza taċ-ċirkostanzi korrenti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa — billi fil-ħarġa tal-ġurnal imsemmi "l-Berqa" tat-28 ta' Awissu, 1962, numru 9,360 (Dok. A) u fil-paġna 8 tiegħu, il-konvenut ippubblika artikolu intitolat "L-arma ta' San Gejtanu fil-Każin imsemmi għalih fil-Hamrun" flimkien ma' ritratti bil-Captions; u billi l-istess artikolu u ritratti u captions fihom allegazzjonijiet li jinġurjaw gravament lill-attur kemm direttament u personalment billi jissemma ismu u kemm indirettament bħala president tal-Każin San Gejtanu tal-Hamrun; talab li l-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li l-artikolu msemmi bir-ritratti u l-caption huwa gravament diffamatorju għall-attur, jiġi kkundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi stabilita minn din il-Qorti bid-dikjarazzjoni tagħha sal-ammont ta' erba' mitt lira (£400), bħala riparazzjoni tal-inġurja magħmula mill-konvenut għad-dannu tal-attur bl-istess pubblikazzjoni; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza kontra l-konvenut.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li:

(1) M'hemm xejn fl-artikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni li hu libelluż jew inkriminabbli għall-attur personalment; l-artiklu *jirriferixxi* għall-Każin San Gejtanu tal-Hamrun u hu kumment ġust fuq l-operat tal-istess każin;

(2) Ankorkè hemm xi nġurja mhux kull inġurja tagħti lok għad-danni morali taħt l-artikolu 31 tal-Kap. 117 iżda għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hemm bżonn li jkun *hemm mhux biss inġurja gravi iżda gravissima (Kollez. XXX,* P. II, paġ. 127);

(3) Bla preġudizzju tal-premess huwa jassumi r-responsabilità ta' dak l-artikolu u jiddikjara li huwa lest jipprova l-verità tal-fattijiet kontenuti fih; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn huwa xieraq li dina l-Qorti tiżgombra t-terren mill-materja li tifforma oġġett ta' l-ewwel eċċezzioni tal-konvenut u minn kwalunkwe diffikultà li tista' titwieled dwar l-allegazzjoni tal-konvenut nomine li ma hemm xejn fl-artikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni li hu libelluż jew inkriminabbli għall-attur personalment; *għaliex l-artikolu jirriferixxi għall-*każin San Gejtanu tal-Hamrun, u l-operat tiegħu, u mhux għall-attur li huwa indikat biss, billi inzerta "per accidens" president tiegħu, liema indikazzjoni saret biex tagħti identifikazzjoni aktar ċara tal-istess każin.

Li f'dina l-kawża qiegħed jaġixxi l-attur personalment, u mhux bħala president tal-każin San Gejtanu tal-Hamrun. Minn dina l-pożizzjoni ġuridika tal-attur jitnisslu dawna l-kon-

siderazzjonijiet:

1) Li bħala President tal-Każin l-attur, ma jitlifx l-individwalità tiegħu, b'mod speċjali, anki in vista tal-fatt li mħabba l-kariga għolja u ta' responsabilità li qiegħed jokkupa bil-fors jirrisenti mill-inġurja li ma tistax ma tolqtux anki personalment;

2) Li, l-attur, bil-fatt li ġie msemmi bħala President tal-Każin, ma ġiex b'daqshekk privat mid-dritt li jisporġi kwerela f'ismu proprju, u indipendentement minn dik li seta' jiddeċiedi l-enti li għalih jappartjeni: "Quando la diffamazione colpisce non soltanto l'ente astratto, ma anche gli individui che lo compongono, lo rappresentano e lo amministrano, il resto può sussistere in relazione a tali persone fisiche, che avranno diritto di querela in nome proprio e per conto proprio" (Gurisprudenza Italiana, 1948, II, 315, Tribunale di Padova, in re "Strazzarpa" del 26 Marzo 1948). Il-Ġurisprudenza tagħna hija fis-sens konformi (v. Sent. tal-Qorti Kriminali (App. Inf.) tas-26 ta' Ott. 1929 in re "Borg vs. Gatt"; tat-30 ta' Ġunju, 1950 in re "Pulizija vs. Domenico Mintoff" u tat-23 ta' Ġunju, 1951 in re "Mintoff vs. Zammit"; u Kollez. XXXV, iv, 732, 764; XXXVII, iv, 1027; 1110). Dana l-prinċipju nsibuh ukoll ta' komuni applikazzjoni fil-Ġurisprudenza Ingliża, li jinsab kompendjat minn l-Odgers testwaiment: "Where the words reflect on each and every member of a certain number or class, each or all can sue" (libel and Slander, p. 124).

Li, in vista tal-premess, dina l-Qorti hija tal-fehma li, jekk l-attur personalment, ħassu offiż bl-artikolu in kwistjoni, huwa seta', kif għamel, jaġixxi f'ismu proprju indipendentement mill-każin u mill-vesti li jokkupa bħala President tiegħu.

Ikkunsidrat:

Li l-attur ħassu personalment inġurjat għaliex l-espożiz-

zjoni tal-fatti kif riportati fl-artikolu inkriminat ma saritx sewwa, u li l-fatti ma ġewx affermati veraċement, u għalhekk kull kumment fuqhom ma jistax ikun "fair comment" u l-istess artikolu fih "innuendo" ossia insinwazzjoni libelluża li ma kienitx ġustifikata.

Li l-konvenut ċaħad dawna l-motivazzjonijiet. u qiegħed isostni li l-artikolu fih kumment ġust, *u li ancorchè fih xi inġurja*, dina mhix tali li tista' tagħti lok għall-danni morali taħt l-art. 31 Kap. 117; iżda għall-applikazzjoni ta' dana l-artikolu *hemm bżonn li jkun hemm diffamazzjoni, jiġifieri l-inġurja* għandha tkun gravissima. F'kwalunkwe każ il-konvenut jiddikjara li jassumi r-responsabilità ta' dan l-artikolu u offra l-prova tal-verità tal-fatti.

*Ikkunsidrat:*

Li, biex wieħed jasal biex jistabilixxi jekk jeżistix jew le "fair comment", *hemm bżonn* li jiġu eżaminati l-fatti fid-dawl tal-provi prodotti mill-kontendenti.

Li *irriżulta* mid-dokumenti *esibiti* "*hinc inde*" *li fuq* l-arma tal-każin ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, ġie li kien hemm is-Salib u ġie li ma jidhirx dana s-Salib. Però, minn dokumenti *esibiti, wieħed għandu jifforma idea li s-Salib fuq l-arma ta'* San Gaetano kien ġie adottat mill-każin aktarx reċentement tant li Dun Frans Camilleri, Kappillan tal-istess każin. stqarr fix-xhieda tiegħu: "billi rajna li jekk is-Salib jitneħħa ma jikkontrastax ma' l-istorja ta' qabel dwar din l-arma, aħna neħħejnieh, għax rajna li kien sproporzjonat" (fol. 78); inoltri x-xhud Harry Blackman, konfrontat mal-għamla diversa bis-salib jew mingħajru, tal-arma tal-każin, spiċċa biex qal li: "Fl-arma ta' San Gejtanu hemm xi taħwida. Però aktarx hija bis-salib milli bla salib. L-arma ta' San Gejtanu, fil-Knisja rajtha bla salib fil-pedestall taħt l-istatwa tal-Knisja. Fil-każin ta' San Gejtanu wkoll l-arma *rajtha bla salib*. Kemm ili l-Ħamrun, tle-

tin sena, l-arma tal-każin nafha mingħajr salib" (fol. **66, 67**).

**Ikkunsidrat:**

Li mill-kompless tal-provi wieħed għandu jiddesumi ċirkostanza importanti li l-prevalenza tal-użu tal-arma tal-każin kienet, kif xehed l-imsemmi Dun Frans Camilleri "**fil-proporzjon ta' wieħed għal għaxra bejn l-arma bis-salib u mingħajru;** u fil-fatt, allura aħna għamilna dina l-arma mingħajr salib u bdejna nużawha bħala crest fil-karti tal-korrispondenza u filkarti l-oħra tal-każin. Dan il-crest sar fil-1956 u bqajna nużawh hekk sal-lum". (fol. 78).

Li, l-konvenut, fl-artikolu inkriminat, juri ż-żewġ armi tal-każin, waħda bis-salib u l-oħra mingħajru, u fl-istess artikolu jinsab riportat dana l-kumment: "Dari l-arma fuq il-karti tal-ittri u l-inviti kienet kompleta bis-salib, kif suppost tkun l-arma ta' San Gejtanu. Issa s-salib ġie mneħħi fuq il-karti tal-ittri tal-każin."

Li, dina l-aħħar osservazzjoni tidher korretta, però, ma tistax tingħad l-istess ħaġa għall-ewwel parti tal-kumment, għaliex jirriżulta abbondantement li anki fl-antik dina l-arma ma kellhiex is-salib; u għalhekk ma jistax jingħad li l-kumment huwa ġust, għaliex ġie mħolli barra dettal importanti u fondamentali tal-fatti.

Li, huwa xieraq li jiġi rilevat f'materja ta' reati ta' stampa, li biex wieħed jiġi esonerat mir-responsabilità ta' dak li jiġi riportat ġo ġurnal, għandu jipprova li huwa qal il-fatti kif kienu sewwa, imbagħad iħalli l-qarrej jiġġudika. Jekk xi ċirkostanza fondamentali tiġi taċċjuta l-qarrej ma jistax jifforma konċett ġust tal-fatti.

Li, mill-provi irriżulta li l-konvenut ma irnexxilux jipprova l-fatti kollha minnu pubblikati fl-insert libelluż; biċċa mill-

fatti mhiex il-prova li trid il-liġi biex jista' jingħad li saret il-prova tal-fatti. Dina l-prova hija talment kollegata mal-ispirtu tal-artikolu stampat li jekk ma ssirx b'mod sodisfaċenti, ma jistax jingħad li hemm "fair comment" għaliex dana huwa bażat fuq *il-veraċità* tal-fatti, u ma hemmx aktar loku, meta l-fatti jiġu esposti b'mod frammentarju, u li jagħtu x'wieħed jaħseb l-oppost ta' dak li fil-fatt realment kien u ġara.

Li kien għalhekk li l-liġi tefgħet l-obbligu tal-prova fuq il-kwerelat, fis-sens li tistabilixxi preżenzjoni li hu aġixxa xjentement jekk ma *jippruvax il-kuntrarju; u biex jiġi ritenut* li l-werelat aġixxa xjentement, hu biżżejjed li seta' jagħmel u ma għamilx, l-indaġini meħtieġa biex jasal għall-verità (art. 28 (1)).

Li l-liġi tagħna tuża l-kelma "knowingly", u għalhekk biex ikun hemm lok għall-ħtija fil-konvenut f'kawża simili, m'hemmx bżonn, kif jiritjeni fis-sistema Ingliż, li jkun hemm dak il-"malice" konsistenti fi "spite or ill will" imma huwa biżżejjed, kif ingħad, li l-konvenut naqas li jagħmel dawk l-indaġinijiet biex jappura l-verità, qabel ma xandar il-kumment fuq l-istampa.

Li, inoltri, kif igħid Fiola: "la prova dei fatti vuol essere larga, piena e sicura" (*Delle Ingiurie e diffamazioni* p. 160); "Non bastando all'uopo — jgħidu l-Qrati Taljani — una demostrazione equivoca di taluno tra i fatti diffamatori, isolatamente" (*Riv. Penale* 35, 289), *għaliex kif ġie ritenut mill-*Qrati Ingliżi "a comment cannot be fair, which is built on facts which are not truly stated" (In re Joynt vs. Cycle Trade Publishing Co. (1904) 2 K.B. 292, P. 262); *għaliex jonqos* fihom l-element tal-bonaf ede (Kollez. XXXVI, iv, 843).

Li, inoltri, il-falsità tal-kliem inġurjużi hija preżunta favur il-kwerelant (v. App. Krim. "Pulizija vs. Scerri" deċiża fis-16 ta' Diċembru, 1946). L-insinwazzjonijiet imbagħad mhux dej-

jem jistgħu jkollhom messaġġ offensiv fis-sens tal-liġi, speċjalment meta l-oġġett tagħhom huwa dirett biex jikkritika u jikkumbatti fehmiet u xejra ta' natura politika. F'dana l-każ, il-konvenut għandu l-attitudini kompatibilment mal-libertà li jistħoqqilha l-istampa; iżda jekk insinwazzjonijiet huma indiretti jew oskuri, u fihom xi sinjifikat, il-Qorti għandha tirrilevah; b'mod speċjali jekk iħallu impressjoni inġurjuża f'min jaqrahom, u għalhekk xejn ma jiswa illi minn eżami kritiku tal-kliem jista' joħroġ sinjifikat divers. (Kollez. XXXV, ii, 463, 732), għaliex f'dina l-materja huwa elementari li mhux dak li seta' talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu li jgħodd, imma dak li fil-fatt kiteb; għax dak jaqra l-qarrej. In bażi għal dana l-prinċipju ġiet akkolta fil-Qorti tagħna paċifikament il-pratika li jekk il-kwerelant jindika "innuendo" partikolari, jista' dejjem jirnexxi fil-kwerela tiegħu anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem (Kollez. XXXVII, iv. 120).

Ikkunsidrat:

Li fuq l-iskorta tal-imsemmija prinċipji l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine mhumiex sostenibbli, u għalhekk it-talba tal-attur jistħoqqilha li tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat:

Li, kieku l-imsemmi insert sar fil-konfront tal-attur fiż-żminijiet oħra, ma kienx ikollu dawk l-elementi li jintitolaw lill-attur li jħossu nġurjat fis-sens tal-liġi. Però, meta ġie pubblikat huwa ormai notorju li bejn l-attur u l-partit li għalih jappartjeni, u l-Knisja kien hemm diversi diverġenzi u kuntrasti li, mill-kamp politiku skonfinaw f'dak reliġjuż, tant li l-Knisja ħasbet li kellha tasal għas-sanzjoni tal-Interdett, illum revokat, komminat lil kull min kien ħa parti fis-seduta magħrufa tal-esekuttiv tal-Partit Laburista.

Li, inoltri, mix-xhieda tal-istess konvenut, irriżulta li qa-

bel ma ġie pubblikat dan l-artikolu fil-ġurnal in kwistjoni kienet ġiet pubblikata serje ta' artikoli biex l-attur jitneħħa minn President tal-Kumitat tal-Club ta' San Gejtanu mħabba r-relazzjonijiet tal-partit tiegħu mal-Knisja; u ftit żmien qabel ma ġie pubblikat dan l-artikolu — kompla jgħid il-konvenut — naf li kien hemm korrispondenza fil-ġurnal in kwistjoni dwar il-kwistjoni reliġjuża tal-partit tal-attur (fol. 59). Inċidentalment fl-istess edizzjoni tal-ġurnal, u preċiżament fil-fol. 5 deher et korrispondenza taħt il-psewdonimu "Melodist" taħt it-titolu "Il-każin ta' San Gejtanu", diretta kontra l-attur, fejn tra altro, is-soċji tal-każin ġew istigati "jitfgħu 'il barra lil dawk kollha li qalu u għadhom jgħidu kontra l-maħbub ragħaj tagħna. .... u qed jaħdmu kontra l-Kleru, u li qegħdin jisservew b'soċjetà li ġġib isem San Gejtanu għal skopijiet politiċi".

Li, taħt dawna ċ-ċirkostanzi u f'sitwazzjoni hekk delikata għall-attur, li kien president tal-każin u membru prominenti tal-partit laburista, il-konstatazzjoni tar-rimozzjoni tas-salib minn fuq l-arma ta' San Gejtanu, fiż-żmien li huwa kien president tal-każin, għandha l-aspett kollu ta' nġurja li taqa' taħt il-liġi tal-Istampa. F'materja ta' libell wieħed għandu jħares proprjament lejn dak li l-ġuristi Ingliżi jsejħu "the sting of the libel", u, kif ġie ritenut fil-kawża deċiża mill-Qorti Kriminali (Appell Inferjuri fit-28 ta' Novembru, 1953 fl-ismijiet "Mintoff vs Hedley" biex wieħed jara jekk l-artikolu hux libelluż jew le, għandu jikkunsidra kif jifhmu bniedem raġonevoli, ta' intelliġenza normali, u li jkollu konoxxenza taċ-ċirkostanzi korrenti. Issa l-insinwazzjoni tal-inizjativa tar-rimozzjoni tas-salib li ħa l-Kumitat ta' San Gejtanu, meta fl-artikolu ġie individwalizzat b'ismu l-attur, bħala President, ħadd ma seta' jifhimha b'mod divers minn dak li ċ-ċirkostanzi reliġjużi li kien jinsab fihom l-attur kienu loġikament jissuġġerixxu, iġifieri fl-arma tal-każin ta' San Gejtanu ġie mneħħi s-salib jekk mhux b'inizjativa tal-attur, almenu bil-konnivenza tiegħu. Irriżulta, mix-xhieda ta' Dun Frans Camilleri, li dana s-salib ġie mneħħi għax deher sproporzjonat, u mhux għal raġunijiet oħra; u li

ilu mneħħi minn fuq l-arma mis-sena 1956. Sa dan it-tant il-konvenut ħass li jissolleva dina l-kwistjoni fil-ħarġa tal-gazzetta tiegħu tat-28 ta' Awissu, 1962, meta bdiet tixgħel il-propoganda biex l-attur jiġi mwarrab minn President.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li l-artikolu in kwistjoni huwa gravament diffamatorju għall-attur, u tikkundanna l-konvenut nomine jħallas lill-attur is-somma ta' għoxrin lira (£20) bħala riparazzjoni tal-inġurja magħmula għad-dannu tiegħu bl-istess pubblikazzjoni.

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut nomine.